Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,324, 3 ta' Settembru, 1996
Taqsima B

A.L. 170 ta' l-1996

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Provvista ta' Oġġetti u Servizzi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7, bis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 9 u bil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Provvista ta' Oġġetti u Servizzi) u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Provvista ta' Oġġetti u Servizzi), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 96 ta' l-1994.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1995.

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "bħala li tkun għamlet provvista ta' servizzi" għandhom jidħlu l-kliem "bħala li tkun għamlet provvista ta' oġġetti".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fit-test Malti tar-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "provvista ta' oġġetti." għandhom jidħlu l-kliem "provvista ta' servizzi.".